# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 766/21TA**

**Mary Bonello ID 328842M f'isimha u bħala prokuratur ta' żewġha Alfred Bonello ID 833940M**

**vs**

**1. Anthony k/a Toni Barbara ID 112738M**

**2. Awtorita tad-Djar**

**3. U b'digriet tas-7 ta' Marzu 2022 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mary Bonello pro et noe (ir-rikorrenti) tas-26 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi r-rikorrenti Alfred Bonello huwa s-sid tal-propjeta unika tal-fond "Victoria", Triq Anthony Emmanuel Caruana,BKara. Propjeta` li huwa xtara minghand in-Nutar Jospeh Brincat skond l-anness kuntratt li qed jig hawn anness u mmarkat bhala "**Dok A**";

2. Illi dan il-fond gie koncess minn Alfred Bonello lil konvenut Anthony k/a Toni Barbara permezz ta` skrittura private hawn anness u mmarkata bhala “**Dok B**”; illi permezz tal-istess skrittura mmarkata Dok B gie maqbul li l-fond imsemmi jkun suggett ta` kera ta`hamsin (LM50) Lira Maltija fis-sena ekwivalenti ghal mija u sittax il-Ewro sebgha u erbghin centezmi (€116.47c);

3. Illi l-Konvenut illum il-gurnata qed ihallas is-somma ta` tnejn u hamsin Ewro wiehed u erbghin centezmi (€52.41c) skond l-anness cekk hawn anness u mmarkat bhala “**Dok C**”;

4. Illi illum il-gurnata din il-kirja ma tirriflettix ghal-valur ta` kera fis-suq kummercjali reali lokatizju tal-fond;

5. Illi din l-Ordni ta` Rekwizizzjoni kisret id-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti a tenur ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li mponewlha li tircievi ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghha bhala sid;

6. Illi l-intimati jew min minnhom ghandhom ihallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dakimpost fuqhom b`din ir-rekwizizzjoni li kisret id-drittijiet taghhom kostituzzjonali taghhom kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

7. Illi l-esponenti ma kellomx ghazla ohra ghajr li jifthu dina l-kawza u dana bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

**Raguni tat-Talba:**

Ir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jaf huwa personalment:

1. Illi r-rikorrenti Alfred Bonello huwa s-sid tal-propjeta unika tal-fond “Victoria”,Triq Anthony Emmanuel Caruana,B`Kara Propjeta li huwa xtara minghand in-Nutar Joseph Brincat skond l-anness kuntratt li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala “**Dok A”;**

2. Illi dan il-fond gie koncess minn Alfred Bonello lil konvenut Anthony k/a Toni Barbara permezz ta`skrittura private hawn anness u mmarkata bhala “**Dok B**”;

3. Illi permezz tal-istess skrittura mmarkata Dok B gie maqbul li l-fond imsemmi jkun suggett ta` kera ta`hamsin (LM50) Lira Maltija fis sena ekwivalenti ghal mija u sittax il-Ewro sebgha u erbghin centezmi (€116.47c);

4. Illi l-konvenut illum il-gurnata qed ihallas is-somma ta`tnejn u hamsin Ewro wiehed u erbghin centezmi (€52.41c) skond l-anness cekk hawn anness u mmarkat bhala “**Dok C**”;

5. Illi illum il-gurnata din il-kirja ma tirriflettix ghal-valur ta`kera fis-suq kummercjali reali lokatizju tal-fond;

6. Illi din l-ordni ta`Rekwizizzjoni kisret id-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti a tenur ta`l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea,u dan stante illi l-kera li mponewlha li tircievi ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghha bhala sid;

7. Illi l-intimati jew min minnhom ghandhom ihallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dakimpost fuqhom b`din ir-rekizizzjoni li kisret id-drittijiet taghhom kostituzzjonali taghhom kif protteti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta`l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi l-esponenti ma kellomx ghazla ohra ghajr li jifthu dina l-kawza u dana bl ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

**<u>Talbiet:</u>**

Ghaldaqstant jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din ir-rikors, tezisti lezjoni minhabba l-imposizzjoni tal-Ordni ta’ Rekwizizzjoni numru R.O. 16249/1956 u minhabba l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Att X tal-2009, li bl-operazzjoni tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta’ rilokazzjoni indefinita lill-intimata Spiridiona Saliba (ID 486439M) ghall-fond 279, Fleur de Lys Road, Birkirkara, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) u tal-Artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni, u b’hekk ir-rikorrenti xierqa ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz.

2. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza tal-imposizzjoni tal-Ordni ta’ Rekwizizzjoni numru R.O. 16249/1956 u minhabba l-operazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Att X tal-2009, li bl-operazzjoni tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta’ rilokazzjoni indefinita lill-intimata Spiridiona Saliba (ID 486439M) ghall-fond 279, Fleur de Lys Road, Birkirkara, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, stante li tali legislazzjoni ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidt rikorrenti u dawk ta' l-inkwilina, minhabba illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta in kwistjoni.

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u morali kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-ligi.

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni pekunjarji u morali hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

5. Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Toni Barbara (l-intimat inkwilin) tas-7 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

2. Illi preliminarjament,qed tigi eccepita n-nullita ta`dawn il-proceduri in vista tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta li jispecifika li mandatarju ma jistax joqghod fil-kawza, bhala attur jew konvenut, f`isem tal-mandant, ghalkemm ikun moghti dis-setgha, meta l-mandat innifsu ma jkunx nieqes mill-gzira li fiha l-kawza ghandha ssir;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa fejn it-talba giet proposta f`isimha personalment,ir-rikorrenti trid tipprova li ghandha titolu ghall-fond in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,in vista tal-fatt li r-rikorrenti qed tippostula l-azzjoni taghha fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali ta` zewgha,l-esponent bhala cittadin privat ma jistax jinstab responsabbli ghall-allegat ksur tal-istess drittijiet fundamentali.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid tipprova kif il-Ligijiet attakkati minnha,u dejjem tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz,huma b`xi mod jew iehor:illegali ,mhux fl-interess pubbliku u socjali u ingustifikabbli f`socjeta demokratika li thares u thaddan is-sigurta u l-harsien socjali tac-cittadin.

6. Illi fi kwalunkwe kaz,it-talbiet rikorrenti jirreferu ghal materji li lanqas biss jissemmew fil-premessi taghha u jitolbu lil dan l-Onorabbli Qorti

tistharreg u tiddeciedi fuq materji kompletament estranei ghall-kawza odjerna.

7. Illi fl-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti xorta wahda ssib li sehh xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, senjatament ghal dik il-parti fl-ewwel talba fejn ir-rikorrenti tablet li ghandha "*tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fis-sitwazzjoni inkluz…"*, l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex tordna l-izgumbrament tal-esponent mill-fond u dan billi din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex tuzurpa l-funzjonijiet ta` Qrati u ohra li ghandhom is-setgha li jisthargu jekk l-esponent ghandux titolu validu ghall-fond in kwistjoni.

8. Illi finalment,fi kwalunkwe kaz,l-esponent m`ghandux ibaghti mill-ispejjez jew jigi kkundannat ihallas danni ta` kwalsiasi xorta in konnessjoni ma` dawn il-proceduri u dan billi l-esponent ma jista qatt jigi kkastigat sempliciment talli uzufruwixxa mid-drittijiet moghtija lilu mil-Ligi.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti **tichad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tad-Djar (l-intimata Awtorita') tal-11 ta' Jannar 2022 li

permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li hemm kunflitt bejn il-premessi u t-talbiet fir-rikors promutur, u dan minhabba li filwaqt li fil-premessi u fl-okkju jinghad li l-inkwilin huwa Anthony sive Toni Barbara, it-talbiet imbaghad jindikaw li l-inkwilin hija "Spiridiona Saliba". Hemm ukoll kunflitt fl-indirizz tal-fond in kwistjoni. Dawn l-inkonsistenzi gravi fl-atti jgibu n-nullita' tal-kawza.

2. Illi fir-rikors taghhom, l-atturi jonqsu li jispjegaw b'liema mod u kif l-Awtorita' esponenti vjolat id-drittijiet fondamentali taghhom.

3. Illi jekk l-atturi qed jattakkaw biss l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita' esponenti ma tistax tahti ghal tali legislazzjoni u il-legittimu kontradittur huwa haddiehor. Ghalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-ligijiet l-antiki tal-kera u qatt ma kien hemm ordni ta' rekwizizzjoni, allura l-Awtorita` tad-Djar qatt ma tista' tkun legittimu kontradittur u ghalhekk, ghandha tinheles mill-gudizzju minghajr ma tbati l-ebda spejjez.

4. Illi ukoll, kemm il-darba l-atturi qed jattkaw l-operat ta' ligi jew ligijiet, il-gudizzju mhuwiex integru u l-kawza kif dedotta hija improponibbli.

5. Illi ma jista jkun hemm ebda lezjoni tal-Konvenzjoni qabel ma dina dahlet fis-sehh fl-1987 ghalhekk kull kumpens li jista jinghata irid jigi meqjus minn dik id-data.

6. Illi ma kien hemm xejn li huwa leziv tad-drittijiet fundamentali fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Ghalhekk it-talbiet kif impostati ma jistghux iregu u ghandhom jigi michuda;

7. Illi intant ukoll meta jitqies il-valur tal-fond, attenzjoni trid tinghata ghad-denunzja jew ghad-dikjarazzjoni causa mortis ghax hemm indikat il-valur li taw is-sidien stess ghall-post. Il-periti mahtura mill-Qorti iridu jitilqu minn dak il-valur f' dik is-sena u jaraw kemm setghet apprezzat il-propjeta` tul iz-zmien. Ma jistax ikun li sid ghal skop ta' taxxa jindika valur mod u ghal skop ta' kumpens jistenna valur mod iehor;

8. Illi jigi rilevat li jekk sa issa kien hemm lezjoni kostituzzjonali minhabba il-kumpens li l-attur qieghed jallega li kien baxx, minn issa l-quddiem dan il-fattur gie korrett bl-emendi li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2021 bl-Att XXIV tal-2021. Fil-fatt issa bis-sahha ta' dawn l-emendi, l-attur jista' jadixxi il-Bord tal-Kera u jitolbu li il-kera tizdied sa 2% tal-valur tal-post fis-suq miftuh. Ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament ma tistax u, jew ma ghandiex tigi milqughha; ara f' dan is-sens l-Art 11 (5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta kumpens fil-kaz ta' okkupazzjoni bis-sahha ta' ordnijiet ta' rekwizizzjoni. U la minn issa il-quddiem il-kumpens ser ikun dak xieraq, u la l-Ordni ta' Rekwizizzjni kienet wahda legali intiza ghal skop ta' akkomodazzjoni socjali, allura it-talba ghall-izgumbrament ma ghandiex tigi milqughha.

9. Illi drittijiet fundamentali u id-dritt ta' azzjoni ghall-lezjoni ta' drittijet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti la inter vivos u la causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa il-lezjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistghu jigu trasferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m' humiex preskrivibbli allura jista' jaghti l-kaz li l-Istat jigi anke imfittex ghall-lezjoni per ezempju ta' arresti illegali li graw il-fuq minn mitt sena ilu;

10. Illi la l-atturi wirtu il-fond allura ma hemm ebda lezjoni li setghu sofrew qabel ma wirtu u dan hekk kif jinghad fis-sentenza deciza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Dicembru 2020 ***Doreen Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(Rik nru. 167/2019 GM)**;

11. Illi fit-22 ta' Gunju 2021 Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet hekk fil-kawza ***Erika Gollcher et vs L-Avukat tal-Istat et.*** **(Rik 116/2019 FDP)**:

> *"Dwar il-ħames eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens għal allegat ksur għal perjodi li setgħu sofrew l-antenati tagħhom.*

*Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' wirt mingħand ommhom defunta Gerogette Cauchi. Illi huwa leċitu, li l-Qorti tqis biss il-perjodu ta' żmien minn meta r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq l-imsemmija proprjeta`.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar."*

12. Illi jekk l-atturi ma kienux is-sidien meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura huma ma ghandhom ebda locus standi f' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet fir-rikors ma jistghux jigi milqugha. Referenza ssir ghal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Maria Gialanze` vs Carmen Mizzi et. (deciza 02/12/2021; Rik nru. 79/2020)**:

    *"Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet in rem. Anke fil-każ li dritt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta`, u l-vittma tkun intitolata għal kumpens,* ***dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta`****. Jekk il-proprjeta` tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta`."*

    l-istess ghalhekk jista' jinghad ghal-propjetajiet li gew akkwistati permezz ta' wirt;

13. Illi ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti ir-rimedji ordinarji ghaliex hadd ma ipproceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ittiehdet meta hargu l-ordnijiet. Il-kostituzzjoni taghti id-dritt lill-istat li jillimita id-drittijiet tal-propjeta` basta jkun hemm proporzjonalita` bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u il-kumpens imhallas;

14. Illi jekk kien hemm Ordni ta' Derekwizizzjoni ghall-propjeta` tal-kawza in kwistjoni allura ma' jista' jkun hemm ebda lezjoni ta' dritt kostituzzjonali ghall-anqas minn dakinhar il-quddiem, peress li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni lanjat mill-attur ma kinitx ghadha tezisti;

15. Illi dan il-punt gie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' ***Michael Farrugia vs Avukat tal-Istat et.*** **(Rik. 78/16; deciza 04 ta' Mejju 2021)**. Fil-fatt is-sentenza tghid hekk:

    *"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u ċioe` tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mil-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita` tad-Djar, ir-rikorrenti*

*qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provvduti fil-liġi.*

*37. Inoltre`, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond de quo abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni stante li l-fond ilu derekwiżizzjonat minn Awissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjeta` tagħhom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.*

*38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorta` tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorita` tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakultà leġislattiva, kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. In vista tas-suespost, l-Awtorita` tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."*

16. Illi iz-zmien li l-atturi jew l-awturi taghhom hallew li jghaddi biex bdew dawn il-proceduri juri li fil-verita` anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax min ihoss lezjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jagixxi b' mod tempestiv. Ghalhekk dan it-trapass ta' zmien ghandu ukoll jimmilita kontra l-atturi kemm fis-sejbien o meno ta' lezjoni kif ukoll fil-komputazzjoni tal-kumpens li talvolta jaf ikun dovut lilhom;

17. Illi f' kaz li tirrizulta lezjoni tad-dritt fundamentali tal-propjeta`, li kienet u ghadha qed issehh, allura il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-lezjoni u taghti kumpens ghall-lezjoni sofferta sad-data tal-prezentata tal-kawza jew sal-1 ta' Gunju 2021(data li fiha dahlet fis-sehh illogic Att XXIV tall-2021) jew liema minnhom tigi l-ewwel, u tieqaf hemm. Il-lezjoni zgur li issa giet indirizzata u ma tistax tkompli bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021;

18. Illi jekk il-fond ikun ghadu okkupat bhala residenza a bazi ta' ordni ta' rekwizizzjoni u jew a bazi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura is-sid ghandu rimedju iehor li inghata bl-att XXIV tal-2021 fejn hu, permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera jista sahansitra jitlob zieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-kaz) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-propjeta`. Ghalhekk kull lezjoni li seta kien hemm bazata fuq it-thaddim tal-Kap 158, Kap 69 u Kap 125 tal-ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill- 1 ta' Gunju 2021 il-quddiem issa giet sanata bl-emendi li saru f' dawn il-ligijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre ghandu jinghad li ghall-kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistghu anke jitolbu zgumbrament fi zmien sentejn jekk l-inkwilini ikollhom mezzi kif indikat mill-ligi;

19. Illi fuq dawn l-ahhar punti referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet ***Georgina Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(deciza 01/12/2021; rik nru. 216/19/1)** fejn l-istess Qorti ikkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-à-vis l-emendi li dahlu fis-sehh b' permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

*“Fir-rigward imbagħad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni mertu ta’ dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita` konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa’ tibbenefika mill-protezzjoni tal-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta’ Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista’ jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il ġurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b’mod effikaċi.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ in parti l-appell tal-Awtorita` tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m’għandhiex tibqa’ tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni mertu ta’ din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija bla ħsara għall-applikabilita` tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.*

20. Illi fis-sentenza moghtija fit-2 ta’ Dicembru 2021 bl-ismijiet ***Simon Mercieca vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita` tad-Djar; Mary Mugliett***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

*“Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda biddispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini [“Kap. 69”] kif issa emendata.*

*Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 bl-Att XXIV ta-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li ddispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma għandu ebda jedd miksub ta’ żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma hemmx raġuni għala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.*

*Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bilKap. 69 għandha għalhekk titħassar.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma ssentenza appellata:*

*i. tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet euro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*ii. tħassarha fejn iddikjarat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur taljeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV ta-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."*

21. Illi l-atturi ma sofrew xejn u ghalhekk it-talbiet kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tat-8 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, skont l-artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-finijiet tal-allegat ksur minħabba l-impożizzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, l-Avukat tal-Istat mhux responsabbli għal kwalunkwe allegat ksur li seta' seħħ b'tali impożizzjoni iżda *se mai* hija l-Awtorita' intimata li għandha twieġeb u dan kif ġara f'diversi sentenzi u għalhekk jemmen li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur[1];

2. Illi dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet fil-mertu, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli *ratione temporis* fit-termini tal-artikolu 7

[1] a) Margaret Galea et vs L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' April 2015;
b) Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar; L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar 2012;
c) Mattei John vs L-Awtorita' tad-Djar et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-8 ta' Ottubru 2018;
d) Gevimida Limited vs Carmen Fenech et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-16 ta' Novembru 2017;
e) Reginald Fava et vs Avukat tal-Istat et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-30 ta' Ġunju 2021;
f) Simon Mercieca vs Avukat tal-Istat et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-7 ta' Mejju 2021 u fuq dan il-punt ma kienx hemm appell u għalhekk ġie meqjuż bħala *res judicata* – kawża ġiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-1 ta' Diċembru 2021.

tal-Kap 319 li jipprovdi li l-ebda allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-artikolu 4 ta' dak l-Att u dan in vista tal-fatt li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 16249/1956 mertu tar-rikors promutur jirrisali għall-1956;

3. Illi in linea preliminari wkoll, peress li r-rikorrenti qed jinvokaw il-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent qed jeċċepixxi l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għal dawn ir-raġunijiet prinċipali:

a) jekk jirriżulta li hemm ordni ta' rekwiżizzjoni, tali rekwiżizzjoni hija mħarsa bil-Kap.125 tal-Liġijiet ta' Malta, li bħala liġi eżistenti qabel l-1962 tinsab protetta bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: "*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)…*";

b) jekk jirriżulta li l-kirja mertu ta' dan il-każ hija mħarsa bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li bħala liġi li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Ġunju 1931 tinsab ukoll protetta bl-istess artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni;

ċ) mingħajr preġudizzju, u fi kwalunkwe każ, dan l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà – li żgur li mhux il-każ. Huwa evidenti li fil-każ preżenti, tali żvestiment ma sarx u r-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet tagħhom fuq il-fond in kwistjoni u għalhekk dan il-każ ma jammontax għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. L-Istat ħa miżura li tinkwadra ruħha taħt kontroll ta' użu fejn irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana però li jibqgħu mpreġudikati d-drittijet tas-sidien. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax ruħu fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u għandu jiġi miċħud;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

5. L-esponent mhux edott mill-fatti u mir-rikors promotur ma tantx jista' jkollu stampa ċara tal-fatti kif ġraw, iżda jqis li l-punt tat-tluq huwa li r-rikorrenti għandhom iġibu prova ċara tat-titolu li għandhom fuq dan il-fond;

6. Ir-rikorrenti għandhom iġibu prova wkoll tal-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni u tal-eventwali tneħħija ta' tali ordni fuq dan il-fond (jekk dan seħħ). Fi kwalunkwe każ, l-esponent jemmen li l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni sar skont il-liġi u ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti

kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

7. Illi ma hemm xejn illegali jew li jikser id-drittijiet fundamentali fil-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni. L-ordni ta' rekwiżizzjoni jinħareġ sabiex il-fond rekwiżizzjonat jiġi mogħti, kontra ħlas ta' kumpens, lil min ikun fi ħtieġa ta' akkomodazzjoni soċjali. L-ordni ta' rekwiżizzjoni taħt l-Att tad-Djar jikkostitwixxi biss miżura ta' kontroll ta' użu tal-proprjetà fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjetà fl-interess pubbliku. Għaldaqstant ir-rekwiżizzjoni tal-fond in kwistjoni, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-istess rekwiżizzjoni ssir kontra pagament li s-sid jista' wkoll jikkontesta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ma jiksrux id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Illi jekk l-ordni ta' rekwiżizzjoni tneħħiet, l-Istat ma għandu ebda setgħa oħra fuq il-fond jew fuq l-okkupanti tiegħu;

9. Illi dejjem mingħajr preġudizzju u safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;

10. Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt; pero', mingħajr preġudizzju għal dan, fejn hemm interess ġenerali, kwalunkwe kumpens xieraq għall-privazzjoni tal-proprjetà ma għandux ikun il-valur kummerċjali tal-kera tal-fond;

11. Xieraq jiġi sottolineat li dan l-fond ġie mikri bi qbil bejn ir-rikorrenti Alfred Bonello u l-inkwilin u ħadd ma mpona fuq ir-rikorrenti li dan il-fond irid jinkera bil-fors. Għal dak li jirrigwarda l-ammont ta' kera, dan ġie wkoll stabbilit bi qbil bejn il-partijiet u l-Istat ma jiffigura mkien f'dan il-ftehim;

12. Illi jekk jirriżulta li tali kirja taqa' taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-emendi li saru reċentement permezz tal-Att XXIV tal-2021, mhux minnu li l-Liġijiet viġenti qed jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-inkwilin. Li huwa ċert huwa li bit-tħaddim ta' tali liġi, ir-rikorrenti ser jieħdu żieda sostanzjali fil-kera u dan ma jistax jiġi njorat minn din l-Onorabbli Qorti. Barra minn hekk, jekk il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord li jirregola l-Kera għandu jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn sabiex id-dar ta' abitazzjoni tiġi vakata – dan juri wkoll kif hemm possibilita' li l-proprjeta' terġa' lura għand is-sidien;

13. Illi kif ġie deċiż f'kawżi oħra ta' din ix-xorta, m'għandu jinstab l-ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dan għaliex ma hemm l-ebda

diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Inoltre, fir-rigward ta' dan l-artikolu, ir-rikorrenti ma ssodisfatx element importanti sabiex tiskatta l-applikabbilità ta' tali provvediment. Dan l-artikolu jissottolinea li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet għandhom jiġu assigurati mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor. Fil-każ in diżamina ma ġiet allegata l-ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni ta' *status* kif mitlub, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikoli msemmija;

14. Illi sabiex ir-rikorrenti jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom *ai termini* tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, iridu jippruvaw ukoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;

15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat u semgħet ix-xhieda prodott fil-perkors tas-smiegħ tar-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrenti Alfred Bonello huwa propjetarju tal-fond "Victoria" u illum bin-numru 43, Triq Anthony Emmanuel Caruana ġja' fi triq ġdida fi Psaila Street, B'Kara li kien akkwista mingħand in-Nutar Joseph Brincat permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Ottubru 1960 fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupius (a' fol 5).

**2.** Dan il-fond akkwistah fiz-zwieġ mar-rikorrenti martu u ġie mikri lill-intimat inkwilin fl-4 ta' Frar 1967 versu l-kera ta' ħamsin liri antiki (LM50) fis-sena (a' fol 55).

**3.** Għal xi raġuni r-rikorrenti għidu li dan il-fond kien ġie rekwizizzjonat, għalkemm kif ser naraw dan ma jirrisultax mill-provi prodotti. Ir-rikorrenti illum qed ifittxu kumpens minħabba l-kera baxxa li kienu jinkassaw u għall-fatt li mhux faċli jieħdu lura il-fond minħabba l-protezzjoni li tagħti l-liġi.

**4.** Fis-27 ta' Marzu 2023 il-Bord li Jirregola l-Kera awmenta l-kera minn €209.63 fis-sena għal €4,800 fis-sena. Jidher ukoll li r-rikorrenti dejjem aċċettaw il-kera.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Għalkemm ir-rikorrenti b'daqxejn ta' konfużjoni filli qed jitkellmu fuq kirja u f'daqqa waħda jirreferu għall-ordni ta' rekwiżizzjoni, li huma għal kollox żewġ Istituri differenti b'import legali differenti, minn imkien ma jirriżulta li kien ħemm ordni bħal din. La esibew xi dokument f'dan ir-rigward u mix-xhieda tal-Awtorita' intimata ma jirrisultax li dan kien il-każ (a' fol 58). Jirriżulta pero' li kien hemm kirja ordinarja li inħolqot qabel Ġunju tal-1995 u dan bis-saħħa tal-iskrittura fuq imsemmija. Dan ifisser li din hija regolata mill-Kap 69 tal-liġijiet ta' Malta u mill-artikolu 1534 et sequens tal-Kodiċi Ċivili. Konsegwentement, l-Awtorita' intimata ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għaliex ukoll f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa l-Avukat tal-Istat li jrid iwieġeb.

**6.** Ir-rikorrenti jilmentaw li d-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa minn artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u artikolu 14 tal-Konvenzjoni qed ikunu miksura minħabba l-protezzjoni li jagħtu dawn il-liġijiet u dan għaliex jesisti d-dritt tar-rilokazzjoni favur l-inkwilin intimat u kif ukoll għaliex il-kera li jinkassaw hija irriżorja.

**7.** Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tar-rikors promotur huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Din l-interferenza ikkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

**8.** Il-Qrati tagħna baqgħu isegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-**Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-sentenza Margaret Caruana et -vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-18 ta' Marzu 2021; ara wkoll fost oħrajn Rita Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-20 ta' Ottubru 2021**).

**9.** L-emendi kif introdotti bl-imsemmi Att XXIV tal-2021 ma bidlu xejn min-natura tal-kera in kwistjoni. Dan għaliex fin-nuqqas ta' regolamenti li jirregolaw kera bħal din "sabiex jinsab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku", il-liġi applikabbli għaliha hija dik kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 1995 (ara artikolu 1531M tal-Kodiċi Ċivili) għalkemm kif ingħad aktar 'l fuq bl-emendi riċenti l-posizzjoni tar-rikorrent sa fejn jirrigwarda l-ammont ta' kera ġie emeljorat b'effett minn Ġunju tal-2021.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>*Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*</u>

**10.** Kwantu għall-applikabilita tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni issir mill-ewwel referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni. Fir-rigward ta' dan l-artikolu 47 (9) issir referenza fis-**Sentenza fl-ismijiet Simone Galea et -vs- Avukat Ġenerali et tat-30 ta' Ġunju 2020** fejn intqal hekk:

"*Skont l-Avukat tal-Istat, l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-Art 37 tal-Kostituzzjoni huwa nfondat billi dik id-disposizzjoni ma tistax tiġi nvokata għall-applikazzjoni ta` liġi li kienet fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta` Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data.*

*Fil-każ tal-lum il-kirja favur l-intimati Vella hija regolata bil-Kap 69 li saret qabel it-3 ta` Marzu 1962 u allura kienet saved bl-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jagħmlu l-argument illi la darba l-kirja bdiet ghaddejja wara t-3 ta` Marzu, l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 69 tista` tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Iżidu jgħidu li anke jekk jirriżulta li l-Kap 69 kien saved bl-applikazzjoni tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni, f`dan il-każ partikolari dan il-principju xorta waħda ma jistax isib applikazzjoni peress illi skont ir-rikorrenti l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 jinkwadraw ruhhom taħt l-eċċezzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (b) u (c) tal-Art 47(9).*

*Għalhekk bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69 u bl-emendi tal-2009 baqgħet tiġi mposta relazzjoni forzuza bejn is-sid u l-inkwilin bi dritt ta` rilokazzjoni ope legis. Il-Qorti rat il-ġurisprudenza dwar l-Art 37 u l-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni fil-kuntest tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta` Malta.*

*Fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Fenech Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta` Novembru 2012 tressaq aggravju fis-*

*sens li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ksur tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni l-Art 47(9). L-aggravju kien milqugħ propju għaliex il-Kap 88 sar liġi tal-pajjiż qabel it-3 ta` Marzu 1962.*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-4 ta` Ottubru 2016 fil-kawża fl-ismijiet Melina Micallef v. Il-Kummissarju tal-Artijiet (hekk kif riformata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Novembru 2017) kien riaffermat illi d-disposizzjonijiet tal-Kap 88 kienu saved bl-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma tistax tiġi nvokata vjolazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni.*

*Similment fis-Sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta` Ottubru 2014 fil-kawża fl-ismijiet Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet et (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` April 2015) ingħad hekk:- L-intimati jikkontendu li l-Art 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli għall-każ tal-lum in vista tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti terġa` tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża “Bezzina Wettinger et vs Il-Prim` Ministru et.*

*Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak li qalet l-Ewwel Qorti:-*

*għalhekk din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi l-Kapitolu 88 – bħala liġi li kienet fis-seħħ qabel it-3 ta` Marzu 1962 – huwa salvagwardjat bl-istess Kostituzzjoni ai termini tal-Artikolu 47(9), u konsegwentement dan laggravju qed jiġi respint.*

*Illi dwar dan il-punt, din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/RCP) tat-22 ta` Marzu 2002 filkawża “Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet” fejn ingħad hekk:- Illi kif ingħad f`Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et (9/4/99 Rik. Nru. 586/97/VDG), il-ħdim ta` xi liġi fis-seħħ*

*minnufih qabel id-data msemmija ma tistax tkun antikostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra lartikolu 37. L-istess jista' jingħad għal xi amending act jew substituting act magħmula f`dik id-data jew wara dik id-data purche` li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-liġi ma jkunx jagħmel xi waħda mill-affarijiet imsemmi fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi artikolu 47(9).*

*Illi kif kompliet tgħid dik il-Qorti, ma hemmx dubbju li l-Kap. 88 kien fis-seħħ qabel it-3 ta` Marzu 1962. Ma hemmx dubju wkoll li l-imsemmija liġi ġiet emendata wara dik id-data, iżda r-rikorrent f`ebda ħin ma ndika xi emenda li b`xi mod taqa` taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-artikolu 47(9). Illi ħafna millemendi magħmula wara t-3 ta` Marzu 1962 kienu ta` natura formali bħassostituzzjoni tal-Gvernatur Ġenerali bil-President ta` Malta. Illi din il-Qorti b`hekk eżaminat jekk fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta` esproprjazzjoni meritu ta` din il-kawża u fir-rigward tal-proċeduri għall-kumpens ġewx imħaddma xi amending provisions li jaqgħu taħt l-imsemmija paragrafi (a) sa (d).*

*Din il-Qorti ma tarax li dan huwa l-każ, fis-sens li d-dispożizzjonijiet imħaddma fir-rigward tal-ordnijiet ta` esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 illikwida kumpens li, skond ir-rikorrenti, ma kienx xieraq u adegwat. Il-Qorti tirrileva li l-kumpens li l-Bord kien u għadu jillikwida jsegwi l-kriterji li huma stabbiliti fid-disposizzjonijiet tal-Kap 88.*

*Għalhekk billi l-Kap 88 huwa liġi li ġiet saved ai termini tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni, din l-Qorti mhijiex sejra tqis ix-xorta ta` ilment li għandhom ir-rikorrenti skond l-Art 37 tal-Kostituzzjoni fejn dan l-ilment jolqot it-twettieq tal-Kap 88."*

**11.** Riferibbilment għall-każ tal-lum, ma hemmx dubju illi l-liġijiet relattivi għall-kirja mertu tal-kawża saru qabel it-3 ta` Marzu 1962. Dawk il-liġijiet ġew emendati matul is-snin. Il-Qorti m`għandhiex prova li xi emendi kienu jaqgħu taħt xi wieħed mill-eċċezzjonijiet ravviżati fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. Tgħid dan għaliex bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531B il-leġislatur għamilha ċara illi għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta` Ġunju 1995 għandha tibqa` tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta` Ġunju 1995. Madanakollu bl-emendi li daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-Att X tal-2009 il-leġislatur ħaseb illi jipprovdi għal skaletta ta` żidiet fil-quantum tal-kirja waqt li ġie ffissat ammont bħala l-anqas rata ta` kera permissibbli.

**12.** Żgur għalhekk illi bl-introduzzjoni ta` dawn l-emendi il-leġislatur ma poġġiex fis-seħħ kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens b`mod anqas favorevoli għas-sidien. Ma tirriżultax għalhekk l-eċċezzjoni ravviżata taħt il-paragrafu (ċ) tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. Lanqas ma jista` jingħad illi l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009 jaqgħu taħt l-eċċezzjoni maħsuba fil-paragrafu (b) tal-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni għaliex l-Art 1531F jagħmel elenku speċifiku tal-persuni li f`determinati ċirkostanzi tista` tiġi tramandata l-kirja favur tagħhom. Għalhekk mhux talli dawn l-emendi ma jżidux mal-finijiet jew ċirkostanzi li fihom jista` jinkiseb lura l-pussess battal tal-proprjeta` talli jservu sabiex jistabilixxu *cut off date* u determinati ċirkostanzi li taħthom biss tista` tiġi mġedda l-kirja favur qraba tal-inkwilin.

**13.** Jekk l-inkwilin ma jkollux jgħixu miegħu persuni li jissodisfaw il-kriterji partikolari ndikati fl-Artikolu 1531F, is-sid jaf b`ċertezza li mal-mewt tal-inkwilin huwa sejjer jikseb lura l-pussess battal. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-emendi

introdotti bl-Att X tal-2009 ma jżidux aktar piż fuq is-sidien ma` dak li kien diġa` mpost bil-Kap 69.

**14.** Kwantu l-interess ġuridiku tal-intimat inkwilin (ara ir-raba' risposta tiegħu), jingħad li, kif inhu ben stabbilit, l-inkwilin la jaħti għal-liġi u lanqas jista' joffri rimedju. Il-preżenza tiegħu f'kawżi bħal dawn ma hijiex biex jirrispondi għal liġi leżiva ta' drittijiet fundamentali, jiġi kkundannat għal xi sanzjoni, jiġi addebitat lilu tali leżjoni u l-ħlas konsegwenzjali ta' danni. Huwa l-Istat li jrid jagħmel dan. Il-preżenza tal-inkwilin f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju.

**15.** Għalhekk kif sewwa ġie ritenut mill-**Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et datata 27 ta' Ġunju 2019**, "*Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm hija taqbel mat-tezi tal-intimata Camillleri li, ladarba hi agixxiet skont il-ligi, allura m'ghandhiex legalment tirrispondi ghall-inkostituzzjonalita tal-ligi jew tehel spejjez tal-kawza, u huwa l-istat li huwa finalment responsabili, izda millbanda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-intimata stante li hi parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita' taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza taghha f'dawn ilproceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. Hi bhala inkwilina tal-fond in kwistjoni ghandha interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilha direttament* " (ara **Evelyn Montebello et vs Avukat Ġenerali et, Kost 13/07/2018; Sam Bradshaw et vs Avukat Ġenerali et, Kost 06/02/2015 u Raymond Cassar Torreggiani vs Avukat Ġenerali, Kost 22/02/2013**).

**16.** Kwantu għall-eċċezzjoni li r-rikorrenti qed tidher ukoll bħala prokuratriċi ta' żewġha r-rikorrent l-ieħor, għalkemm dan tassew qiegħed Malta, artikolu 180 (1) (d) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*Art 14 tal-Konvenzjoni*

**17.** Dan l-artikolu jirrigwarda ħarsien minn diskriminazzjoni. Imma l-Qorti ma tistax tifhem għaliex ġie invokat dan l-artikolu peress li fir-rikors promotur ma hemm ebda referenza għal xi xorta ta' diskriminazzjoni u wisq anqas għall-artikolu inkwistjoni. Jissemma' biss fit-talbiet u dan *in vacuo* u per caso. Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan l-artikolu din il-Qorti ser tiċħad it-talbiet għaliex l-anqas kieku trid ma tista' tipprovdi dwaru.

*Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni*

**18.** Safejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, il-fatti tal-każ in diżamina huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diverżi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati tagħna ċitati fis-**Sentenza Margaret Caruana et vs L-Avukat Ġenerali et.** Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti.

**19.** Isegwi li fil-każ tal-lum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u ċioe li dawn kienu leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**20.** Safejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 mid-data tal-applikazzjoni tal-artikolu 4A, jiġifieri l-1 ta' Ġunju 2021 il-quddiem, il-Qorti sejra

tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319. Dan għaliex minn dik id-data r-rikorrenti jistgħu jieħdu vantaġġ, kif fil-fatt għamlu, mill-imsemmi artikolu 4A tal-Kap. 69 kif introdott bl-Att XXIV tal-2021.

**21.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra t-talbiet rimedjali. Bħala rimedju r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għall-kumpens u danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Din il-Qorti tara li t-talba għar-rimedji xierqa hija bbażata fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali. Il-Qorti tqis li din it-talba għar-rimedju xieraq hija issa ċirkoskritta għal perjodu ta' qabel l-1 ta' Ġunju 2021. Dan għaliex minn dik id-data ir-rikorrenti setgħu, jipprevalixxu ruħhom mir-rimedju mogħti bl-artikolu 4A tal-Kap. 69 introdott bl-Att XXIV tal-2021. Il-Qorti għalhekk tqis li għandha tipprovdi rimedju għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kumpens sal-1 ta' Ġunju 2021.

**22.** Dan b'applikazzjoni tal-prinċipju applikat mill-Qrati tagħna fir-rigward tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 introdott bl-Att XXVII tas-sena 2018 li ġie sostitwit bl-istess Att XXIV tas-sena 2021. Il-Qorti tqis li dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għall-Artikolu 4A introdott bl-istess Att u għall-istess skop: "*Minħabba li d-dispożizzjonijiet [tal-Att XXVII] [issa sostitwit bl-Att XXIV tal-2020] ta' dawk il-bidliet daħlu fis-seħħ u fid-dawl ta' dak li sejra tiddeċiedi l-Qorti dwar il-qagħda tal-Intimati joħroġ li r-Rikorrenti għandhom disponibbli rimedju proċedurali ta' aċċess lil qorti jew tribunal li jista' jagħtihom, jekk hekk jirriżulta mistħoqq, rimedju 'in integrum' li jindirizza l-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom. Din iċ-ċirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, titfa' element rilevanti li jolqot l-ikkalibrar tal-*

*ammont tal-kumpens minnhom pretiż*" (ara **Victoria Amato Gauci et vs Avukat Ġenerali et)**.

**23.** Għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq il-Qorti għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) fil-paragrafi 101-109 tas-**Sentenza Cauchi v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea deċiża fil-25 ta' Marzu 2021**. Dan iżda sal-1 ta' Ġunju 2021.

**24.** F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tosservax li r-rikorrenti damu għexieren ta' snin biex jistitwixxu dawn il-proċeduri. Fil-fatt li ma kienx għall-fatt li kieku qegħdin jisimgħu l-aħbarijiet ma kienux jagħmlu din il-proċedura. Iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li kien dritt tagħhom li jaġixxu pero' lanqas minn naħa l-oħra din il-Qorti ma tieħux inkonsiderazzjoni kemm damu jaħsbuha.

**25.** Issa l-Istat Malti sar aderenti għall-Konvenzjoni fl-1987, għalhekk dan ir-rimedju kien disponibbli għalihom sa mill-1987. Il-Qorti tifhem, li f'kawżi ta' natura Kostituzzjonali preskrizzjoni ma tesistix, imma l-anqas ma jfisser li din il-Qorti għandha tinjora għal kollox il-fatt li r-rikorrenti baqgħu għal dan iż-żmien kollu ma għamlu xejn. Mhux biss ma għamlu xejn talli li dejjem baqgħu jaċċettaw.

**26.** Il-fatt li dawn l-azzjonijiet bdew isiru moda pjuttost riċenti ma jfissirx li ma setgħux isiru qabel. Għalhekk dan il-fattur ser jittieħed inkonsiderazzjoni għal fini ta' fissazzjoni ta' kumpens. Illum kulħadd sar jagħmel dawn ix-xorta ta' azzjonijiet, ikun kemm ikun għadda żmien minn meta l-interessati jkunu saru propjetarji, għaliex cosi' fan tutti. Din il-Qorti saħansitra kellha kawżi fejn il-persuna li tkun akkwistat b'titolu oneruż ukoll tippretendi li tirċievi l-kumpens li talvolta setgħu kienu intitolati għalih l-awturi tagħhom (Ara **Sentenza tas-16 ta'**

**Ġunju, 2022 fl-ismijet D. Peak Limited -vs Avukat tal-Istat et Prim Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali**)).

**27.** Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, l**-QEBD fil-kawża Cauchi -vs- Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetá matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEBD nnotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja.

**28.** Il-QEBD madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta fis-sena 1979 (meta l-liġi daħlet fis-seħħ bl-Att XXIII) battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew minn dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEBD qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzi jitnaqqsu b'madwar 30% abbażi ta' dak l-għan leġittimu.

**29.** Il-QEBD żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis. Il-QEBD aċċettat ukoll li l-proprjetá, kieku ma kienetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta' riċentement. Il-QEBD għaldaqstant qieset bħala aċċettabbli li jitqies li t-telf attwali kien inqas minn dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

**30.** Magħdud dan, il-QEBD qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan ir-rigward, il-QEBD rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess

liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEBD kkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu.

**31.** Fl-aħħar nett, il-QEBD tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ma dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interessi.

**32.** Għalhekk il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u ħadet in konsiderazzjoni l-valutazzjoni tal-perit minnha maħtur u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tasal għall-konklużjoni li bħala kumpens monitarju jkun xieraq l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) u dak non pekunjarju ta' elfejn-il elf ewro (€2,000).

**33.** Dan l-ammont għandu sentendi jitħallas mill-Avukat tal-Istat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrappreżenta l-Istat. L-inkwilin la jaħti għal-liġi u lanqas jista' joffri rimedju. Il-preżenza tiegħu f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju (ara **Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 27 ta' Ġunju 2019**).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmijia din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-intimati.

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u dan limitatatment sa fejn il-liġijiet tal-kera japplikaw iżda mhux minħabba l-ordni ta' Rekwiżizzjoni imsemmija u limitatament biss sa fejn jirrigwarda l-protezzjoni taħt l-art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u kif ċirkoskritta din it-talba sal-21 ta' Ġunju 2021.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti bl-istess mod kif għamlet fl-ewwel talba.

**Tilqa' it-tielet talba** rikorrenti u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) kif fuq spjegat.

Tillimita lill-intimati l-oħrajn mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes tal-proċedura għall-intimat Avukat ħlief dawk tal-intimata awtorita' li jkunu a' karigu tar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**